**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻURRIEQ**

**L-GĦAXAR LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU GĦAXRA**

**5 TA' MARZU, 2025**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż- Żurrieq Fl-16:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Kyle Mifsud, s-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut, is-Sur Jeremy Coleiro u s-Sur Daniel Muscat.

**SKUŻAT**

**ASSENTI**

-

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **10.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 10.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' appoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **10.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 10.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tad-disgħa seduta. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***10.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 10.3.1 | | Is-Sindku qalet li :<br>nhar it-Tnejn hi flimkien mal-Kunsilliera Kenneth Farrugia u Dino Bonnici attendew għal-laqgħa mal-Arċipriet, biex jitkellmu fuq id-diversi nazzjonalitajiet li hawn joqgħodu fiż-Żurrieq. Kien hemm qbil li dawn in-nies jiġu avviċinati u ssir laqgħa magħhom ħalli jkunu jafu x'servizzi joffri l-Kunsill fil-komunita. |
| | | |
| | | |
| ***10.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 10.4.1 | | Il-Kunsillier Jeremy Coleiro qal li familja li għandha żewġ persuni b'diżabilita u m'għandhomx vettura, jixtiequ li l-Kunsill jagħmlilhom reserved parking fi Triq Ferdinando Falzon, biex ikunu jistgħu joħorġu għall-ambulanza. Kien hemm qbil li issir parking bay safra quddiem ir-residenza tagħha. |
| | | |
| 10.4.2 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li l-Orkestra Iż-Żurrieq qed taħdem fuq 3 kunċerti:<br>• 19 ta' Settembru – kunċert tas-snin 90, fuq iz-zuntier tal-knisja, fejn hemm il-monument. Hemm bżonn sound, dawl, platform żgħira u siġġijiet għan-nies. Peress li ma jistax isir armar ġurnata qabel, għandu jsir sound check f'xil-17:00 u jingħataw xi refreshment wara u kif isir il-ħin isir il-kunċert.<br>• Żewġ Kunċerti tal-Milied f'San Vincenz De Paul biex iferħu lill-anzjani. Kien hemm qbil li wieħed minn dawn il-kunċerti jsiru fiż-Żurrieq. Il-Kunsill għandu jitkellem mad-dar tal-anzjani San Vincenz De Paul, biex jew ikopru l-ispejjeż tal-kunċert jew iħallsu lill-Kunsill tal-Orkestra. Kien hemm qbil li l-Kunsill jara x'dati għandhom disponibbli d-dar tal-anzjani u jissuġġerixxi data għall-kunċert. |
| | | |
| 10.4.3 | | Il-Kunsill Marisa D'Amato qalet li:<br>• jeħtieġ li ssir bye law biex l-artijiet li jinsabu mitluqa fiż-Żurrieq, jingħataw lir-residenti, biex jieħdu ħsiebha huma u jiżirgħu xi prodotti pjanti, siġar/fjuri u b'hekk tinvolvi liż-Żrieraq.<br>• Ir-residenti u feeders fi Triq Santa Klementina qalu li hemm bżonn aktar dawl u tabelli tal-qtates.<br>• Fi Triq Napuljun reġgħet intalbet sleeping policeman. Ma kienx hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 10.4.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li :<br>• hemm xi resident li fi Triq Isward Xureb li qed jitfa ilma bis-sapun barra. Kien hemm qbil li tinġib l-informazzjoni fuq ir-resident biex ikun imwissi. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Vjal il-Blue Grotto twaħħal bin li qed jintuża għal skart organic. Ma kienx hemm qbil li jitneħħa.<br>• Hemm bżonn li jinqata l-ħaxix ta' madwar il-palm.<br>• Jinqata l-ħaxix mill-picnic area u jinżabru s-siġar ta' Triq il-Wied.<br>• Biex issir gate fil-passaġġ ta' Vjal il-Blue Grotto li hemm viċin il-ħanut convenience għax it-tfal qed joħorġu sparati għat-triq.<br>• Bżonn li jitnaddaf Ġnien l-Ewropa.<br>• Biex Triq id-Dejqa ssir One Way - Jeħtieġ li nibgħatu reminder lill-TM<br>• Isir bin tal-klieb f'Misraħ Mattia Preti – kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 10.4.4 | | Il-Kunsillier Marilyn Sammut qalet li r-residenti ta' Misraħ Santa Marija qed joġġezzjonaw fuq il-proġett. Is-Sindku qalet li illum kellha laqgħa ma' Vjal il-Kulħadd u ħadd mill-kunsilliera ma attenda. Il-proġett ser isir xorta u qabel ma jinbeda x-xogħol, ser issir konsulta mar-residenti. Il-laqgħa li jmiss ma' Vjal Il-Kulħadd ser tkun fl-20 ta' Marzu. |
| | | |
| 10.4.5 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li Vjal il-Blue Grotto sfurndat. Is-Sindku qalet li fil-ġimgħa li ġejja, ser isir ix-xogħol mill-Kuntrattur li kien għamel it-triq, peress li għadha taħt garanzija. |
| | | |
| 10.4.6 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud semma lista ta' attivitajiet li ser jorganizza f'din is-sena:<br>• 28 ta' Marzu – Mixja b'5€ - donazzjoni għall-Community Chest fund. Il-mixja ser issir mis-Salib tal-għolja lejn Iż-Żurrieq.<br>• 26ta' April – Attivita tat-tfal fil-Ġnien tal-Ġibjun<br>• 18 ta' Mejju – Car Show<br>• 27 ta' Ġunju – Foam Party u water games għat-tfal. |
| | | |
| ***10.5*** | | ***PC00049/19 – Art fin-Nigret Kienu preżenti l-Għaqda Residenti Żrieraq*** |
| | | |
| 10.5.1 | | Rappreżentanti tal-għaqda residenti Żrieraq qalu li art pubblika għandha tibqa art pubblika u mhux tispiċċa f'idejn il-privat biex tiġi spekulata għall-profit. Il-Ministru iffirma biex art tingħata għall-iżvilupp u jaħsbu li ħadd ma jista joġġezzjona. Staqsew x'jista jagħmel il-Kunsill biex jgħin biex dawn l-artijiet jibqgħu kif inhuma, mhux mittiefsa.<br><br>Il-konsulent tal-Kunsill li kien preżenti għal din is-seduta qal li l-Kunsill kien oġġezzjona. Il-pużizzjoni tal-Kunsill tibqa l-istess u ma jistax jagħmel iżjed minnhekk.<br><br>Rappreżentanti staqsew jekk il-Gvern Ċentrali avviċinax lill-Kunsill fuq art li tista tibqa tal-Gvern. Is-Sindku wieġbet fin-negattiv. Is-Sindku qalet li l-Kunsill ser joġġezzjona għal kull applikazzjoni fejn ikun hemm il-bżonn imma f'dan l-istadju mhux ser tagħmel effett anke jekk jibqa jagħmel l-oġġezzjonijiet tiegħu l-Kunsill ġaladarba l-art tinsab fiż-żona ta' żvilupp. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Rappreżentanti qalu li t-toroq żgħar li hemm fl-akwata ser jiġu parti mill-proġett privat, fosthom hemm ukoll tneħħija ta' ħitan tas-sejjieħ. Il-Kunsill għandu jitkellem mal-Gvern biex l-art pubblika tibqa għall-pubbliku u ma tinbieħx lill-privat. L-unika ħaġa li jista jagħmel hu pressjoni fuq il-Gvern biss. Huma jridu li preferibbilment l-art ma tinbeniex.<br><br>Il-Kunsill ma jista jagħmel xejn aktar. Il-Ministru qal li l-art li għandu l-Gvern fl-akwata tibqa għal komunità.<br><br>Rappreżentanti qalu li din l-applikazzjoni ser tittella anke fuq il-media għax mhux sew li art pubblika tkun eġavolata biex il-privat ikun jista jiżviluppha. Il-Kunsill ma jistax jibqa formali u jgħaġixxi formalment biss, imma anke jekk ikun hemm xi protesti għandu jkunu involuti. Jixtiequ li jekk il-Kunsill ikun infurmat fuq xi żvilupp, jkunu infurmati.<br><br>F'dan il-ħin il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li l-Kunsill hemm bżonn li jikkjarifika li dwar it-tliet artijiet li hemm applikazzjonijiet fuqhom għal żvilupp, hemm waħda tal-Kunsill u tnejn oħra tal-privat. Ma kienx hemm qbil li issir kjarifikia fuq fb page tal-Kunsill. L-art li l-Kunsill ser jagħmel żvilupp hemm diġà banner imwaħħal u għalhekk in-nies m'għandhomx fhix jitfixklu. |
| | | |
| ***10.6*** | | ***Jum iż-Żurrieq*** |
| | | |
| 10.6.1 | | Is-Sindku Rita Grima qalet li fl-1 ta' Ġunju filgħodu ser terġa tiġi organizzata l-ġirja 5k u dik tat-tfal u fil-għaxija ssir il-quddiesa u tpoġġija ta' fjuri fuq il-monumenti.<br><br>Fis-7 ta' Ġunju issir l-attivita ta' Ġieħ iż-Żurrieq u wara jkun hemm riċeviment fil-pjazza stess u tiġi mistiedna band. Ser jinfetħu l-applikazzjonijiet għan-nomini ta' Ġieħ Iż-Żurrieq. Ser jgħaddu l-punti tar-regolamenti tal-bord lill-Kunsilliera kollha. Is-Sindku staqsiet jekk il-Kunsilliera jafux xi persuna li lesta toqgħod fil-board.<br><br>Fit-8 ta' Ġunju ssir l-attivita Iż-Żurrieq Fest mil-art u mill-baħar.<br>Dawn id-dati inpoġġuhom fuq il-fb page ħalli n-nies ikunu infurmati li ser isiru l-attivitajiet. |
| | | |
| 10.6.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ħarġet skema **SPI/SCI/02/2025** li toffri finanzjament ta' 85% tal-ispiża ta' attività kulturali sa' massimu ta' 20K Vat inkluża. Din l-iskema tagħlaq fit-18 ta' Marzu, 2025. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li l-Kunsill Lokali japplika għall-attivita ta' Jum iż-Żurrieq tas-7 u 8 ta' Ġunju. Hi infurmat li jekk l-ispiża tiġi aktar, l-Kunsill ikun irid iħallas il-bilanċ. Kien hemm qbil unanimu fuq dan. |
| | | |
| | | F'dan il-ħin il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ħareġ mis-seduta 17:30 |
| | | |
| | | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***10.7*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet tal-Kunsill li jkunu meħtieġa.*** |
| | | |
| ***10.8*** | | ***Approvazzjonijiet : Xogħlijiet u Servizzi.*** |
| | | |
| 10.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet:<br>• Persuna Taljana avviċinat lill-Kunsill biex jgħatiha permess li darba jew darbtejn fil-ġimgħa tibda tkanta (biex tiġbor il-flus) fuq il-Belle veder, fejn il-Kunsill diġà ta permess lill-persuna oħra biex torganizza falkunerija. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.<br>• Waqt laqgħa li saret ma sezzjoni minn Project Green, kien hemm suġġeriment biex il-Kunsill jaċċetta 'Pop up Park' f'Misraħ Mattia Preti, Triq Karmnu Zammit, Misraħ il-Karmelitani u Misraħ Santa Marija. F'dan il-Pop up Park li hu ta' daqs ta' 3metri x 4 metri, jiġu organizzati attivitajiet għall-anzjani, fosthom qari ta' kotba, diskussjonijiet, logħob ta' tombla etc. Jekk il-Kunsill jaqbel dan isir mil-10 ta Marzu sas- 7 ta' April. Dawn qed jipproponu biex fl-20 u 22 ta' Marzu jsiru xi logħob tal-boċċi u passju etc. Jridu li tingħalaq Misraħ Santa Marija f'Bubaqra għal nofs ta'nhar. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Il-Kunsill ġie infurmat li fi Triq Xandru D'amato hemm biċċa art żgħira ta 69 metru kwadru ma tintużax. Jekk il-Kunsill interessat għalija, tiswa 16E fis-sena. Jekk mhux interessat, ser tittieħed minn terzi. Kien hemm qbil li jitlobha l-Kunsill Lokali.<br>• Issuġġeriet li l-Kunsill Lokali joħroġ tender għal xogħol ta' electrician għal affarijiet varji. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fis-27 ta' Marzu ser jiġi d-Dental Unit fiż-Żurrieq. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>F'dan il-ħin il-Kunsillier Daniel Muscat ħareġ mis-seduta ħin 18:05. |
| | | |
| ***10.9*** | | ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tar-Reġjun Punent.*** |
| | | |
| 10.9.1 | | Tressqu l-minuti tar-Reġjun Punent numru 45. |
| | | |
| ***10.10*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 10.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 1** għall-ammont totali ta' €55,041.37<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Kyle Mifsud u Jeremy Coleiro. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***10.11*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 10.11 .1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-18:40. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 9 ta' April, 2025, fis-6:00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' APRIL, 2025

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**